# Il-Grammastru De Rohan

## L-Aħħar Kapitlu Generali tal- Ordni - Il-Kodiċi Municipali - u l-Belt Rohan

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

**Tliet ijiem wara l-mewt tal-Grammastru Frangisku Ximenes de Texada, li ġrat fid-9 ta' Novembru 1775, il-Sagru Kunsill tal-Ordni Gerosolmitan ħatar bħala suċċessur tiegħu lil-Fra Emanwel de Rohan tal-Lingwa Franċiża. Kien bniedem magħġub mhux biss mill-Kavallieri, iżda wkoll mill-Maltin. Saħansitra Ali Baxa ta' Tripli bagħat jifraħlu mal-Ambaxxatur Hagg Maħmet u rregalaħ żiemel Eġiżjan. Li skrizzjoni ta' fuq il-qabar tiegħu, li qiegħed f'SanGwann, fil-kappella ta' Franza, tgħidilna li hu għamilha ta' missier ġeneruż għall-fqar, u matul il-21 sena li dam Granmastru, hu ġieb il-hena fost il-poplu bil-ħażna, il-fiduċja bil-ġustizzja u l-imħabba bit-tieba.**

### BNIEDEM TA' HNIENA

Ma'li ġie proklamat Granmastru, ta bankett lill-fqar f'nofs il-Pjazza tal-Palazz, ħafer u sejjaħ lura lil dawk li kienu ħarbu minn fuq ix-xwieni, ordna li jinħarġu mill-ħabs dawk li kellhom djun mal-Ordni u ħallas għalihom minn butu.

Hafer ukoll lil dawk li kienu qegħdin jiġu proċessati għax ħadu sehem fl-"Irvell" hekk imsejjaħ "tal-Qassisin", li qam fit-8 ta' Settembru 1775: ħalla biss fil-ħabs lil Dun Gejtanu Mannarino, il-mexxej ta' dik ir-rewwixta. Neħħa wkoll l-irjus ta' 3 konġurati, li kienu għadhom imdeffsin ġo arbli fuq is-swar ta' San Gakbu.

De Rohan ħassar il-projbizjoni tal-kaċċa li kien għamel il-Grammastru Ximenes, neħħa t-taxxa minn fuq il-ħwejjeġ tal-ikel, ta liberta' fil-kummerċ ħatar kummissjoni ġdida ta' Kavallieri u kbarat Maltin biex jieħdu ħsieb il-provvista tal-qamħ; beda jagħti udjenza lil kulħadd u jistieden filgħaxija lil kbarat maltin biex jiddiskuti magħhom it-tmexxija tal-Gżira. Vjaġġatur taż-żmien kiteb li Malta kienet tidher bħal familja kbira mimlija mħabba fil-ferħ tagħha ġenerali.

### L-ORDNI FI KRIZI KBIRA

Iżda fl-istess żmien, l-Ordni Gersosolmitan kien għaddej minn kriżi l-aktar kerha, minħabba fl-abbużi li kienu daħlu f'ħafna fergħat tal-amministrazzjoni, speċjalment fid-dixxiplina reliġjuża. Kienet tenħtieġ, għalhekk, riforma mill-aktar fis.

L-Ordni kien ilu ma jsejjaħ Kapitlu Generali 144 sena: l-aħħar wieħed kien sar fl-1631, fi żmien il-Grammastru Anton de Paule. Jingħad li r-raġuni ta dan id-dewmien kienet li l-Kavallieri ma ridux li fil-Kapitlu jkun preżenti l-Inkiżitur, kif kien ordna l-Papa Urbanu VIII.

De Rohan deher li kien qed iħoss it-toqol ta' dawk l-abbużi u l-ħtieġa ta' riforma; għalhekk huwa pprofitta ruħu mill-preżenza tal-għadd kbir ta' Dinjitarji tal-Ordni li ġew Malta għall-ħatra tiegħu u sejjaħ Kapitlu Generali, biex jiltaqa' fl-24 tal-istess xahar (Novembru) 1775. Dak kien is-sbatax-il Kapitlu Generali tal-Ordni u l-aħħar li sar f'Malta.

Il-Kapitlu ntemm fil-11 ta' Jannar 1776, sewwa sew bħal għada mitejn sena ilu. Dan il-fatt ġagħalni nikteb fuq hekk illum. Il-Kapitolari ħarġu ferħanin minnu, għax kif ingħad: ippruvaw jagħmlu xi ħaġa u xi ħaġa tassew għamlu. Pittura, li llum tinsab fil-Mużew tal-Louvre (Pariġi), tfakkar dik il-ġrajja.

F'dak il-Kapitlu ttieħdu ħafna deċiżjonijiet siewja dwar il-finanzi, l-eżerċtu u l-flotta tal-Ordni, il-pulizija, l-edukazzjoni u r-reliġjon. Reġa' għalhekk twaqqaf ir-Reġiment tal-"Falconieri" jew tal-Kaċċaturi, b'1,200 kaċċatur malti, biex iħarsu x-xtut u l-kampanja tal-Gżejjer tagħna.

Twaqqaf Reġiment ieħor ta' suldati barranin min-Napli, Marsilja u Korsika. Il-Kappillani tal-Ordni kellhom jiffrekwentaw il-kors tat-teoloġija fl-Universita' tal-Istat. Bdiet riforma tal-Qrati u tal-Liġijiet.

### IL-KODICI ROHAN

Għal din l-aħħar riforma l-Granmastru sejjaħ minn Napli l-ġurista taljan Gandonato Rogadeo, li kien iddefenda bosta kawżi tal-Ordni, u taħ l-inkarigu li jikteb Kodiċi ġdid li jieħu post dak ta' Manoel de Vilhena li sar fl-1723.

Rogadeo beda biex ipproġetta Qorti ġdida ta' Appell b'6 Imħallfin u President, bit-titlu ta' "Supremo Magistrato di Giustizia". Għal din il-karika, Rohan ħatar lill-istess Rogadeo u ddekorah ukoll b'kavallerat. Rogadeo għamel ukoll il-Kodiċi l-ġdid, li tqiegħed quddiem l-Avukat Federiku Gatto u għorrief oħra maltin, għal kritika tagħhom. Dawn stqarru li dak il-Kodiċi ma kienx jgħodd għal Malta u f'xi punti ma kienx aġġornat.

Biżżejjed wieħed igħid li Rogadeo kien isostni li t-tortura għandha tibqa' għaliex hi wieħed mis-sisien għall-ordni fis-soċjeta'. Rogadeo tfantas għal dak il-ġudizzju. Talab pensjoni u telaq lejn pajjiżu, Lukka. Wara kollox l-imġieba tiegħu kienet ġa dejqet lill-Imħallfin l-oħra u l-avukati, u De Rohan ma kienx ħa gost bid-deċiżjoni tiegħu li l-Grammastru ma setgħax jindaħal fil-kawżi ħlief meta jkun hemm xi sentenza tal-mewt.

Il-kompilazzjoni ta' Kodiċi ieħor ġiet fdata f'idejn l-imsemmi Gatto, il-Kommendatur Gejtanu Bruno, il-Kappillan Konventwali Malti Albino Menville (li fl-intervall sar Gran Pirjol tal-Ordni) u l-Kappillani Konventwali Micallef, Lauron u Guffre'. Dawn ħadmu fuqu għal 7 snin u fis-17 ta' Lulju 1784 dak il-Kodiċi ħareġ taħt l-isem ta' "Dirito Municipale di Malta" jew "Codice de Rohan".

Il-Kodiċi l-ġdid kien imqassam f'7 kotba: 1. dwar l-Organizzazzjoni u l-Kompetenza tal-Qrati, l-Arkivji, l-Insinwa u d-Dmrijiet tal-Maġistrat; II. dwar il-Forma tat-Tribunali Civili u Kriminali; III. dwar id-Dmirijiet tal-Genituri, l-Ulied, it-Tuturi, eċċ. u dwar il-Bejgħ, Cnus, Kiri, servitu' u Ipoteki; IV. dwar

(Ikompli fil-paġna 4)

# Il-Grammastru De Rohan

(Jaqbad mill-paġna 3)

is-Suċċessjoni; V. dwar id-Delitti; VI. dwar il-Kummerċ, speċjalment marittmu u l-Armamenti fuq il-Baħar; VII. dwar Ħwejjeġ oħra.

## IL-KODICI JITBIDDEL BIL-MOD

Skond il-massma generali tad-Dritt Ingliż, il-liġijiet misjuba fil-postijiet mirbuħa jew ċeduti kellhom jibqgħu jseħħu sakemm ma jiġux mibdula mill-Awtorita' Kompetenti. Għalhekk il-Kodiċi de Rohan baqa jseħħ sakemm ma ġiex mibdul bil-mod il-mod permezz ta' Proklami (liġijiet partikolari), li kienu joħorġu waħda waħda kull tant żmien mingħajr oppożizzjoni jew b'oppożizzjoni żgħira minn dawk li kellhom raġun jew interess li ma jbiddlu xejn mill-qadim. Xi drabi qamet oppożizzjoni qalila.

Ħaġa'oħra li tfakkarna fil-Grammastru De Rohan huwa Ħaż-Żebbuġ. Dan huwa raħal mill-qedem. Il-popolazzjoni tiegħu kienet dejjem imdaqqsa ġmielha. Mhux ta' b'xejn l-Isqof Senatore de Mello għażel dak ir-raħal, li kellu magħqudin miegħu Ħal-Muxi, Ħal-Mula, Ħal-Dwin u Ħal-Said, biex ikun waħda mill-għaxar parroċċi li ħu qata mill-katidral u waqqaf fl-1436.

Fi żmien il-Grammastru De Rohan kienu jgħammru f'Ħaż-Żebbuġ madwar l-4,000 ruħ, u kien hemm fih 14 il-kappella miftuħa għal kumdita reliġjuża tan-nies. Fl-1777, il-kappillan Dun Felice Borg għan-nom tal-poplu żebbuġi, talab lil-Grammastru biex jagħti lil dak ir-raħal it-titlu ta' belt, sewwa sew kif kien għamel il-Grammastru Pinto ma' Ħal-Qormi fl-1743. Fil-21 ta' Gunju (Żebbuġin, ftakru f'dik id-data) Il-Grammastru laqa' dik it-talba u semma l-Ħaż-Żebbuġ "Citta Rohan". Tifkira talgħoti ta' dan it-titlu huwa l-ark jew bieb trijonfali li hemm qabel tidħol fit-triq l-ewlenija.

Jidhirli li dawn huma l-aqwa tliet ġrajjiet fi żmien il-Grammastru De Rohan. Għalhekk ser nieqaf hawn. Darb'oħra nfakkarkom f'persunaġġ kbir malti li ħafna minna kienu jammiraw u jqimu l-personalita' tiegħu.